**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 27 ta' Marzu 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 609 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 20**

**AS u RSM**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 3 ta' Dicembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fl-(20) ghoxrin ta' Ġunju 2004;*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu ES nhar X, GS nhar Y, u ALS nhar Z;*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat il-5 ta' Settembru 2024, ippublikat fl-atti tan-Nutara Dr Bernice Gatt, kopja ta' liem hija mehmuża u mmarkata bħala* ***Dok A****;*

4. *Illi l-esponenti ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal iktar minn sitt xhur mis-sena preċedenti għall-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni;*

5. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-pronunzjament tad-divorzju skont l-Art 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kwalsiasi provvediment minnha meqjus bħala xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro t-terminu mogħti minn din l-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni opportuna.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AS xehed** (vide affidavit fol 22) illi l-partijiet izzewgu nhar l-20 ta' Gunju 2004. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, illum minorenni. Xehed illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-5 ta' Settembru 2024 fl-atti tan-Nutar Dr Bernice Gatt. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**RSM xehdet** (vide affidavit fol 23) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

> ***miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Gunju 2004 liema zwieg jgib certifikat numru 1000/2004 (Vide certifikat taz-zwieg, DOK A fol 25). Jirrizulta li l-partijiet kellhom tlett ulied, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Bernice Gatt nhar l-5 ta' Settembru 2024 (Vide Dok A a fol 2 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1000/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**